# MATER DOLOROSA

B'tifkira ta' bin ħija li miet
imgħarraq fuq ir-"Royal Oak".

Hemm, qiegħda l-omm: Fir-rokna ġewwenija ta' kamritha,
B'għajnejha mifruxin fil-bieb li minnu, binha, darba
Ħareġ ferħan biex b'ħiltu jaqdi dmiru lejn l-Imperu . . .
U l-ferħ tal-miġja nbidel f'qalb muġugħa, f'miljun karba.

—Ma,—kien ħabbrilha fl-ittra ta' ġo jdejha,
—Il-mewġ taż-żmien ser ilaqqagħni miegħek.
Ah, liema xewqa, Ma, li nasal fejnek,
Tmellisli xagħri, ttini l-barka tiegħek.
Sikwit ingħodd il-jiem; u tul l-iljieli,
Noħlom biss bik, se' ttir bil-ferħ, daħkana,
Tistenna lili nfeġġ mill-bogħod; tistenna,
Bla sabar fuq il-għatba tad-dar tagħna.
Tiktibli xejn. Nitlaq ma ndumx. Jiem oħra
Jasal għalija tmiem il-vjaġġ aħħari.
Erfa' t-tgħanniq u l-bews ta' fommok għasli
Għalija, Ma. Berikni. Tmiem aħbari.

Stennietu l-omm! Sew sew kif tâf tistenna
Kull omm li tgħożż 'l binha bħar-ruħ tagħha.
Stennietu fuq il-għatba, kif ħolomha,
B'Rużarju f'idha . . . xwiek biex tgħannqu magħha . . . .
Iżd'hu ma ġiex! Minn floku waslet ittra:
Laqtitha bħal sajjetta u fuq il-qiegħa
Naxritha minnufih: . . . . Ma jiġix lura
Binha Manwel . . . . żagħżugħ t'għoxrin rebbiegħa.

Hemm, qiegħda l-omm: Fir-rokna ġewwenija ta' kamritha;
B'għajnejha mifruxin fil-bieb li binha, minnu, darba
Telaq ferħan; . . . titbissem . . . tilmħu ġej, tiġri fuq l-għatba
Biex tgħannqu ma' sidirha. . . ssib ix-xejn. . . u tinfexx f'karba.
Hemm tibqa' l-omm: ħdejn ġenb is-sodda li ratu jitwieled;
Rasha mimduda fuq l-imħadda tiegħu: rakkmu tagħha;
Tistennieh ġej . . . u ġej fil-ġenn ta' moħħha, binha Leli . . . .
Li tul il-mewġ taż-żmien, le, le, ma tgħannaq aktar magħha.

18 - 9 - 39. ĠUŻE' PESCI.